

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2022 – Ezubov vs Il-Kunsill****(Kawża T-741/22)**

(2023/C 24/100)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Pavel Ezubov (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa u V. Villante, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jimminaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(1)</sup> sa fejn iżżomm l-isem tar-rikorrent fil-lista fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK;
- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(2)</sup> sa fejn iżżomm l-isem tar-rikorrent fil-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) 269/2014;
- tannulla d-Deċiżjoni li żżomm lir-rikorrent fil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għall-miżuri restrittivi taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(3)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(4)</sup>, kif implimentat mir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2022/1529 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea b'ittra datata l-15 ta' Settembru 2022;

sa fejn dawn l-atti jinkludu lir-rikorrent fil-lista ta' persuni u entitajiet li jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi;

- tikkundanna lill-Kunsill għall-spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, in-nuqqas ta' osservanza tal-oneru tal-prova; il-ksur tal-kriterji tal-elenkar stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(b) u (d) u l-Artikolu 2(1)(d) u (f) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 u fl-Artikolu 3(1)(d), (g) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014, it-tnejn li huma jirrigwardaw miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, il-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għall-proprjetà u tal-libertà ta' impriża u l-ksur tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU 2022, L 239, p. 149.

(<sup>2</sup>) ĠU 2022, L 239, p. 1.

(<sup>3</sup>) ĠU 2014, L 78, p. 16.

(<sup>4</sup>) ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64.

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2022 – Mazepin vs Il-Kunsill

(Kawża T-742/22)

(2023/C 24/101)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Dmitry Arkadievich Mazepin (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, M. Moretto, V. Villante, T. Marembert u A. Bass, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (<sup>1</sup>);
- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (<sup>2</sup>);
- tannulla d-deċiżjoni li żżomm ir-rikorrenti fuq il-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (<sup>3</sup>), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530, kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, kif implimentat mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2022/1529 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna,
- iktar 'il quddiem kollettivament imsejħa l-“atti kkontestati”, sa fejn l-atti kkontestati jinkludu lir-rikorrent fil-lista ta' persuni u entitajiet li jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u żball manifest ta' evalwazzjoni mill-Kunsill fl-istħarriġ tal-applikazzjoni amministrattiva għat-tnejħha tal-lista tar-rikorrent ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2022.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni; tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.